MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 481/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Dr Martin Fenech nominat kuratur deputat, b'digriet tal-5 ta'Jannar 2010, biex jirraprezenta lill-assenti Giancarlo De Grandi (I.D. 33006A)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut nomine jghidi l-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' tmint elef, tmienja u tletin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€8.038.37) bilanc ghad-debitu fl-'Overdraft Account' ta' Giancarlo De Grandi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B 14) flimkien ma ' l-imghax ulterjuri mis-16 ta' Novembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament, liema overdraft gie moghti lill-Giancarlo De Grandi

permezz ta’ skrittura privata datat fit-12 ta’ Dicembru 2006 (Dok A).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe Dok A partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Giancarlo De Grandi (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulati fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u ‘jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanti ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fl-10 ta’ Gunju 2009 (Dok C) u tal-Mandat ta’ Sekwestru li gie prezentat mal-avviz kontra l-kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lil Giancarlo De Grandi li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti kollha annessi mal-atti a fol 2 sa fol 41 tal-istess atti inkluz id-digriet hawn fuq imsemmi moghti fil-5 ta’ Jannar 2010 (fol 29 ibid) (ara ukoll fol 47 sa fol 66 ibid).

Rat ir-risposta tal-konvenut nomine a fol 67 tal-atti u li biha espona bir-rispett:

1. Illi l-esponenti mhuwiex edotti mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri.
2. Illi l-esponenti jitlob lir-rikorrenti sabiex jiddikjara jekk ghandu xi indirizz tal-assenti sabiex jkun jista’ jikkomunika mieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 73 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward it-talba in esami xehed Joseph Hollier (fol 74 ibid) u dan, fil-kawza tieghu bhala ‘manager’ fl-ufficju legali tas-socjeta’ attrici, rikorrenti kkonferma li l-ammont specifikat fir-rikors promotur hu dovut mill-konvenut nomine u li, wara l-presentata tal-istess rikors, ma sar l-ebda pagament da parti tal-istess konvenut nomine.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-istess konvenut nomine sabiex jhallas lis-socjeta’ attrici, rikorrenti is-somma ta’ €8038.37 bl-imghax ulterjuri mis-16 ta’ Novembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Gunju 2009 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tat-30 ta’ Novembru 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------